MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1288/2010

**Ok Limited (C-3506)**
**Vs**
**Rita Maggi (K.I. 84703L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, tmien mija u wiehed u hamsin ewro w disgha u sittin centezmu (€2851.69) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mill-istess ssocjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenuta, peress illi nonstante li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex id-dejn dovut jigi mhallas, l-istess konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta’ l-ittra gudizzjarja tat-12 ta’ Marzu, 2010 gja mressqa mis-socjeta’ attrici u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv tal-

pagament kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr Stephen Thake u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------